FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 7 TA' OTTUBRU, 1996

Avv Nru.398/96

Alpha Communications Ltd.

vs

Bezzina International Ltd.

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Settembru, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Sebghin Lira Maltija, (Lm70.00), rapprezentanti sottoskrizzjoni fil-pubblikazzjoni KOMPASS - MALTA.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa ma ppresentax risposta fir-rigward, u lanqas ma deher;

Semgha x-xhieda ta' Saviour Coppini, direttur tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut;

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Sebghin Lira Maltija (Lm70.00), kif fuq inghad;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika

Dep. Reg.